# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Frar, 2016**

Talba Numru: 363/2012JB

Kawza Numru: 4

**Charles Borg (K.I.: 97668M)**

***vs***

**Alfa Company Limited (C5482)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-14 ta' Mejju 2012 li jaqra' kif gej:

> Peress illi l-attur, jiggestixxi negozju ġewwa l-fond International Food Products 45, The Strand Sliema; peress illi l-istess attur ordna point of sale partikolari ghall-gestjoni tan-negozju tieghu minghand is-socjeta intimata, liema point of sale irrizulta ta' kwalita' inferjuri u difettuz; peress illi l-istess imsemmi point of sale difettuz u inferjuri holoq inkonvenjenti kbar lill-istess attur u kkawzalu danni kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawza; peress illi l-istess attur hallas is-somma ta' €2,000 (ara Dok. A hawn anness), liema somma tirraprezenta parti minn somma akbar, u cioe €2499.99 għal dan il-point of sale difettuz (ghal liema ammont is-socjeta' intimata qatt ma tat ricevuta), tali ammont ghandu jerga' jinghata lura lill-istess attur filwaqt li s-socjeta' intimata ghandha tirriprendi lura l-point of sale taghha li ghal ragunijiet ovvji mhuwiex jintuza mill-istess attur stante li mhux adatt ghall-iskop li nxtara; peress illi fil-frattemp, l-attur kien ordna router relattiva mas-sistema ordnata biex b'hekk il-bilanc dovut mill-attur kien dak ta' €572.57 (ara Dok B hawn anness); peress illi l-attur ordna wkoll xogholijiet ohra, u l-bilanc dovut mill-istess attur tela' ghal €1047.80 (u cioe s-somma ta' €572.57 imsemmija aktar 'l fuq u l-bilanc ta' €475.23 mill-invoice 73317 (ara Dok C hawn anness), liema ammont l-attur ma hallasx stante li fl-ewwel lok ghandu jiehu lura l-ammont ta' €2000 rigward il-point of sale hekk kif spjegat kif ukoll ghandu jithallas ghad-danni kollha soffert minnu proprju minhabba d-difett tal-istess imsemmi point of sale; peress illi d-danni sofferti mill-attur jezorbitaw l-ammont dovut minnu lis-socjeta' intimata u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza; peress li l-attur gab dak suespost a konjizzjoni tas-socjeta' intimata permezz ta' nota ezebita fl-Atti ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 (ara Dok D) izda baqghet inadempjenti;
>
> Ghalhekk l-attur umilment jitlob lil dan it-Tribunal joghgbu:
>
> 1. Jiddikjara lis-socjeta' intimata hija debitrici tal-attur ghas-somma ta' elfejn ewro (€2000) rapprezentanti l-ammont diga mhallas fuq il-point of sale mill-istess attur u konsegwentement tordna lis-socjeta' intimata thallas l-istess ammont;
> 2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur kagunati mid-difetti u n-nuqqasijiet tal-imsemmi point of sale;
> 3. Tordna lis-socjeta' intimata thallas dak l-ammont hekk likwidat fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-istess Tribunal.

4. Illi ai fini ta' guristizzjoni l-attur jiddikjara li l-ammont kollu pretiz inkluz id-danni ma jaqbizx is-somma ta' tlett elef, erba' mija u erba' u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi, fir-rigward tas-somma gja mhallsa mid-data minn meta fil-fatt thallset, sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi l-ispejjez relattivi man-nota prezentata fl-Atti tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara Dok D) kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-21 ta' Gunju 2012;

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata, laqghet ghall-azzjoni attrici billi nhar is-6 ta' Gunju 2012 ipprezentat risposta (a fol 10) li taqra' hekk:

Illi mhuwiex minnu ilil l-point of sale in kwistjoni huwa wiehed difettuz; illi mhuwiex minnu illi l-point of sale in kwistjoni huwa ta' kwalita' inferjuri ghal dak li ordna l-attur; illi f'dan ir-rigward l-attur gie nfurmat bl-specifications kollha tal-point of sale in kwistjoni hekk kif jista' jiġi ddikjarat mis-socjeta' konvenuta; illi ghalhekk assolutament ma hemmx bazi ghar-rifuzjoni tal-hlas ta' €2000 li ghamel l-attur sal-lum; illi rigward it-tielet u r-raba' talba tal-attur dawn ghandhom jigu michuda peress illi t-Tribunal mhuwiex kompetenti sabiex jillikwida d-danni allegati mill-attur; minghajr pregudizzju ghar-raba' eccezzjoni, l-attur irid jipprova d-danni li garrab.

Illi kontestwalment is-Socjeta Konvenuta ipprevalixxiet ruhha mill-jedd li tressaq kontro-talba li permezz taghha qed titlob li l-Attur rikonvenzjonat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u sebgha u erbghin euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,047.57) bhala bilanc dovut minnu ghall-bejgh tal-*point of sale system* in kwistjoni u xoghol iehor. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet minn meta l-ammont sar dovut sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-Attur rikonvenzjonat prezentata nhar l-20 ta' Novembru 2012 (a fol 17) li permezz taghha laqa' ghall-azzjoni rikonvenzjonali billi eccepixxa dan li gej:

Illi preliminarjament, l-attur rikonvenzjonat jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha tas-socjeta' intimata rikonvenzjonata fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm ebda ammont dovut da parti tieghu kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza; illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut jirrileva li l-ammont pretiz huwa esagerat u ghalhekk dan kien qed jigi kkontestat; ghaldaqsatant, in vista ta' dak suespost, it-Tribunal huwa umilment mitlub sabiex jichad it-talbiet tas-socjeta' intimata rikonvenzjonata fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata rikonvenzjonata.

Ra s-sentenza preliminari moghtija nhar it-12 ta' Frar 2014 fejn it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza sollevata mis-Socjeta Konvenuta fir-rigward tal-azzjoni principali u ordna l-prosegwiment tal-kawza;

Ra n-nota tat-22 ta' April 2015 (a fol 67) fejn l-Attur iddikjara li l-azzjoni tieghu hija *money claim* in segwitu ghal xiri ta' *point of sale system* li mhijiex tal-kwalita pattwita u ta' danni sofferti konsegwenza tal-istess;

Sema' l-provi;

Ra l-Atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda oggetti mibjugha mis-Socjeta Konvenuta lill-Attur. L-Attur qieghed jghid li hu akkwista *point of sale system* li madankollu ma kienetx tal-kwalita pattwita u ghalhekk qed jitlob rifuzjoni tal-prezz imhallas u l-likwidazzjoni tad-danni. Min-naha taghha s-Socjeta Konvenuta tichad dan u permezz tal-kontro-talba taghha qed titlob li l-Attur jigi kkundannat ihallas il-bilanc tal-kont li jkopri anke oggetti ohra minnha mibjugha.

Illi in sostenn tal-azzjoni tieghu, l-Attur xehed (a fol 21) li hu jiggestixxi *mini-market* gewwa Tas-Sliema. Jghid li kellu bzonn *cash register* u dar il-hwienet sabiex isib wiehed sakemm mar ghand is-Socjeta Konvenuta u kkonvinca ruhu jakkwista mudell partikolari versu l-prezz ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500). Hu hallas elfejn euro (€2,000) akkont. Jghid li madankollu, hekk kif giet installatha, din is-sistema wriet difetti. Jghid li certu *data* li kien hemm fis-sistema kienet tirreferi ghal hanut f'Marsaskala. Kien hemm problema bil-valuta wkoll. Kien hemm problemi b'certi funzjonijiet tas-sistema bhal per ezempju dik tal-kontroll ta' *stock*. Jghid li ried jiltaqa' mad-direttur tas-Socjeta Konvenuta izda ma rnexxilux. Jikkonferma li akkwista affarijiet ohra minbarra l-*cash register*. Jghid li billi ma setax isib tarf tal-*cash register*, spicca tefaghha go kaxxa u kellu jakkwista ohra. Jghid li waqaf ihallas il-pagamenti. Jghid li kellu jimpjega persuna biex jirranga d-*data* li kien hemm fuq is-sistema. Fl-affidavit tieghu (a fol 37), l-Attur generalment jikkonferma dak li stqarr meta xehed ghad li jaghti aktar dettalji. Fl-affidavit jghid li t-tahrig li nghata da parti tas-Socjeta Konvenuta kien baziku hafna u li s-servizz tas-Socjeta Konvenuta kien deplorevoli. Meta rega' xehed (a fol 49) stqarr x'danni qieghed jirreklama. Meta imbaghad xehed in kontro-ezami (a fol 84) stqarr li mhijiex procedura li meta tixtri sistema bhal dik mertu tal-kawza ikollok iddahhal it-taghrif dwar il-prodotti li jkun hemm ghall-bejgh fil-hanut wiehed, wiehed. Jghid li dan mhux possibbli peress li f'hanut ikun hemm eluf ta' prodotti. Jghid li s-Socjeta Konvenuta kienu qalulu li jistghu jaghtuh inventarju ta' prodotti simili minn hwienet ohra biex ikun jista' jahdem. Jghid li anke l-intestatura tal-ircevuti kienet hazina kif ukoll li certi komponenti tas-sistema ma hadmux. Ix-xhud jirrikonoxxi li da parti tas-Socjeta Konvenuta, fittxew li jghinuh billi tawh inventarju ta' prodotti imma kien hemm problemi ohra bhal, per ezempju, il-valuta tal-prezz tal-bejgh tal-oggetti. In riezami, l-Attur jghid li l-kwistjoni tal-prezzijiet biz-zmien trangat, madankollu *modules* inkluz dak tal-kontroll ta' *stock* baqa' ma jiffunzjonax kif lanqas ma kien jiffunzjona *module* li permezz tieghu s-sistema kienet taqdi l-funzjoni ta' *punch clock* ghall-impjegati. Jghid li s-servizz tas-Socjeta Konvenuta kien hazin.

L-Attur ressaq ukoll lil Tania Vidolova (a fol 46) li qalet li s-sistema mixtrija minghand is-Socjeta Konvenuta kienet taghti l-problemi. Tghid li s-sistema intuzat ghal madwar xahar – fejn kellhom problemi 'l hin kollu.

Min-naha taghha, is-Socjeta Konvenuta ressqet bhala xhud lil Tonio Mifsud (a fol 59) li stqarr li s-Socjeta Konvenuta llum mghadhiex topera. Jghid li llum jahdem mal-kumpannija Intercomp. Hu spjega kif kienet tahdem is-sistema mibjugha lill-Attur. Ix-xhud spjega ghalfejn kien hemm *data* fuq is-sistema meta din inxtrat gdida – jghid li l-Attur kien mghaggel biex jiftah u ghalhekk fil-waqt li nstallaw is-sistema malajr, uzaw *data* ta' hanut iehor bit-tama li jnaqqsulu mix-xoghol tieghu u biex jinqeda. Jghid li t-tekniku li ntbaghat irriskontra xi diffikultajiet u ghalhekk intbaghat Alfred Zarifa – li kien l-agent precedenti tal-marka in kwistjoni – sabiex jghin lill-Attur. Meta rega' xehed Mifsud (a fol 71) hu kkonferma li s-sistema mibjugha kienet gdida fjamanta. Jghid li l-*features* tas-sistema huma dawk indikati fil-katalgu a fol 61 *et seq*. Ikkonferma li da parti tas-Socjeta Konvenuta

ipprovdew *data* izda avzaw lill-Attur li l-prezzijiet mhumiex tajbin. Jghid li bil-kontro-talba, is-Socjeta Konvenuta qed titlob il-hlas tal-bilanc tal-kont tal-Attur li jammonta ghal €1,047.57. Jghid li minbarra s-sistema, inbieghu ukoll xi oggetti relatati mal-hwienet. Jghid li l-problemi li seta' kien hemm, illum issolvew.

Issa mill-atti jidher li sa mill-bidu nett tas-smiegh tal-kawza odjerna tqanqlu dubji dwar x'tip ta' azzjoni qieghdha tigi ezercitata. Fil-waqt li hu car li l-kontro-talba hija proprju talba ghall-hlas ta' somma likwida, l-azzjoni principali (kif jirrizulta min-nota a fol 67) hija azzjoni li segwiet ix-xiri ta' *point of sale system* li fi kliem l-Attur mhijiex tal-kwalita pattwita u ghalhekk qieghed jitlob ukoll id-danni sofferti konsegwenza tal-istess. Dan it-Tribunal, diversament presedut, diga ppronunzja ruhu dwar l-eccezzjoni tal-kompetenza sollevata mis-Socjeta Konvenuta u ghalhekk mhuwiex floku li wiehed jerga' jqanqal din il-kwistjoni. Madankollu, irid jinghad li l-Art. 1390 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi espressament li "*Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda... ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti*". Fil-kaz odjern, jidher li x-xerrej, ossia l-Attur, ma rritornax il-haga mibjugha u lanqas ma ddepozitaha taht l-awtorita tal-Qorti kompetenti. Jidher car li l-Attur mhux qieghed jitlob rifuzjoni ta' parti mill-prezz imma qieghed jippretendi li mhux talli ma jhallasx dak li baqaghlu jaghti, talli jiehu rifuzjoni tal-ammont imhallas akkont u dan oltre ghad-danni. Bir-rispett kollu, hu car daqs il-kristall li dan mhuwiex possibli.

Quddiem din is-sitwazzjoni, it-Tribunal – spint mill-fatt li l-proceduri li jingiebu quddiemu ghandhom jigu pricipalment decizi skond l-ekwita u bit-tama li jaghti tmiem ghal vertenza li ilha pendenti mal-erba' snin – sejjer iqis jekk il-lanjanzi tal-Attur jistghux jaghtu lok ghal xi rimedju.

Minn dak li rrizulta mill-provi jidher li l-Attur donnu ppretenda li l-oggett in vendita jkun jinkludi d-*data* tal-prodotti offerti ghall-bejgh fil-hanut tieghu. It-Tribunal jifhem li da parti tas-Socjeta Konvenuta inghatat xi *data* izda ma jikkondividix l-argument tal-Attur li hu impossibbli li wiehed idahhal l-informazzjoni dwar *circa* tlitt elef prodott f'sistema gdida. Bir-rispett kollu, ghad li l-prodotti – partikolarment dawk tal-merca – fi hwienet diversi jkunu simili, wiehed ma jistax jippretendi li min qieghed ibiegh il-*cash registers* jaghti wkoll it-taghrif, id-deskrizzjonijiet u l-prezzijiet tal-oggetti tal-merca. Certament li dan hu xoghol il-klijent li ghandu jkun jaf x'behsiebu jbiegh u versu liema prezz. Fil-kaz odjern, ma jkunx floku li d-dispozizzjoni li wriet is-Socjeta Konvenuta tintuza kontriha – madankollu, it-Tribunal ma jistax ma jqisx li seta' kien hemm nuqqas peress li certi affarijiet ovvji (bhall-fatt li l-ircevuti bdew johorgu b'ismijiet terzi u l-kwistjoni tal-valuta) setghu jigu facilment imsewwija. It-Tribunal huwa konvint (minn dak li rrizulta mill-provi) li s-servizz li segwa l-bejgh da parti tas-Socjeta Konvenuta ma kienx wiehed desiderabbli u jidher li bi ftit ragjonevolezza l-kwistjoni ma kienetx teskala f'kawza. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jiehu qies ta' dan fil-parti disposittiva tas-sentenza fil-kuntest tal-kontro-talba li ghad li mill-provi rrizulta li l-Attur ma hallasx peress li ppretenda rifuzjoni tal-prezz tal-*point of sale system* li akkwista, dan eccepixxa wkoll li l-ammont reklamat hu ezagerat. Bil-ghan li ssir gustizzja bejn il-kontendenti, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal sejjer jilqa' din l-eccezzjoni u konsegwentement sejjer jittempera l-ammont reklamat mis-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti, prevja li jichad l-azzjoni principali. Fil-fehma tat-Tribunal, temperament fl-ammont ta' madwar tlitt mitt euro (€300) jew tnax fil-mija (12%) tal-prezz tas-sistema *de quo* jkun floku sabiex jigu indirizzati l-lanjanzi tal-Attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fir-rigward tal-azzjoni principali, fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal stante li deciza precedentement, jichad it-talba attrici prevja li jilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta Konvenuta li ghadhom mhux decizi, u fir-rigward tal-azzjoni rikonvenzjonali qieghed jilqa' limitatament it-tieni eccezzjoni tal-Attur rikonvenzjonat, fil-waqt li jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet minnu sollevati u konsegwentement jilqa' t-talba rikonvenzjonali tas-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti limitatament ghas-somma ta' seba' mija u hamsin euro (€750) u konsegwentement jordna lill-Attur rikonvenzjonat ihallas lis-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' €750, bl-imghax mil-lum. In vista tac-cirkostanzi, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*